

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Rapport tal-2011 dwar il-linja politika dwar il-Kompetizzjoni”

COM(2012) 253 final

(2013/C 44/14)

Relatur: **is-Sur PALMGREN**

Nhar it-30 ta' Mejju 2012, il-Kummissjoni Ewropea ddeċidiet, b'konformità mal-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Rapport tal-2011 dwar il-linja politika dwar il-Kompetizzjoni

COM(2012) 253 final.

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-Opinjoni tagħha nhar l-4 ta' Diċembru 2012.

Matul l-485 sessjoni plenarja tiegħu li saret fit-12 u t-13 ta' Diċembru 2012 (seduta tat-12 ta' Diċembru), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'unanimità.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Kull sena, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew janalizza r-rapport tal-Kummissjoni dwar il-politika tal-kompetizzjoni u b'rabta ma' dan jixtieq jieħu din l-opportunità biex iressaq għadd ta' kummenti u suġġerimenti. Il-KESE jilqa' l-istruttura funzjonali l-għda tar-rapport tal-Kummissjoni abbażi ta' rakkomandazzjonijiet li għamel il-Kumitat f'opinjonijiet preċedenti.

1.2 Madankollu jiddispaċih li r-rapport ma jkoprix għadd ta' kwistjonijiet li dwarhom il-KESE ħareġ twissijiet fil-passat. Ir-rapport huwa limitat għal kwistjonijiet li tradizzjonalment jiġu indirizzati mid-DG Kompetizzjoni u b'hekk jagħti viżjoni dejqa u restrittiva tal-elementi prinċipali tal-politika tal-kompetizzjoni. Il-kwistjonijiet li għandhom jiġu kkunsidrati jmorru lil hinn sew mis-suġġetti tas-soltu li huma trattati f'dan ir-rapport annwali, jiġifieri l-kwistjonijiet tal-fużjonijiet u l-konċentrazzjonijiet, il-monopolji, l-għajjnuna mill-Istat u l-mekkaniżmi ta' promozzjoni tal-kompetizzjoni favur il-konsumaturi.

1.3 Prijorità importanti hija l-għlieda kontra l-kompetizzjoni inġusta importata minn xi msieħba kummerċjali barranin li jisfruttaw in-nuqqas ta' konformità tagħhom mal-prinċipji u d-drittijiet fundamentali soċjali u ambjentali biex jakkwistaw sezzjonijiet tas-swieq fiż-żona tal-UE.

1.4 Ir-rinazzjonalizzazzjoni tal-politika minħabba l-kriżi u kunflitti potenzjali bejn l-interessi tal-Istati Membri, flimkien mal-miżuri protezzjonisti meħuda mill-gvernijiet, jistgħu jirrappreżentaw theddida peress li jista' jkollhom konsegwenzi serji fuq

is-suq uniku u l-politika tal-kompetizzjoni. B'mod partikolari fis-sitwazzjoni ekonomika attwali għandu jiġi żgurat li s-suq qed jaħdem u li l-ambjent tan-negozju johlq il-kundizzjonijiet għal tkabbir ekonomiku mġedded. Il-politika tal-kompetizzjoni għandha tkun ikkoordinata u integrata mal-politiki l-oħra, bħal fil-każ tal-politika tal-kummerċ estern u l-politika tas-suq intern, sabiex tikkostitwixxi unità koerenti li tiddefendi b'mod effikaċi l-interessi tal-konsumaturi u tal-produtturi Ewropej fil-qafas tal-ekonomija tas-suq soċjali u twassal għal riżultati fir-rigward tat-tkabbir ekonomiku u tal-impjieg. Il-politika tal-kompetizzjoni, il-politika kummerċjali, il-politika industrijali u l-politika tas-suq uniku għandhom jibbilanċjaw l-interessi tal-konsumaturi u tal-intrapriżi u jiżguraw kundizzjonijiet ta' suq ġusti għall-partijiet kollha involuti.

1.5 Il-politika tal-kompetizzjoni għandha tirrifletti l-politika industrijali integrata tal-UE, peress li t-tkabbir sostenibbli u l-benesseri taċ-ċittadini tal-UE jistgħu biss jiġu żgurati jekk l-Ewropa jkollha bażi industrijali b'saħħitha, diversifikata, kompetittiva u tohlok l-impjieg.

1.6 Ir-rapport ta' din is-sena huwa l-41 wieħed u jstabbilixxi l-miri ewlenin fl-iżvilupp tal-politika tal-kompetizzjoni u s-sinifikat tagħhom għall-oġġettivi tal-UE.

1.7 Il-KESE jaqbel mal-Kummissjoni li l-infurzar u r-rispett tar-regoli tal-kompetizzjoni jikkontribwixxu għal oġġettivi usa' u fit-tul, b'hekk jgħid li l-benesseri tal-konsumaturi u l-appoġġ tat-tkabbir, l-impjieg u l-kompetittività fl-UE b'konformità mal-Istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv.

1.8 Il-kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni hija ta' importanza kbira kemm f'termini ta' monitoraġġ tal-ghajjnuna mill-Istat kif ukoll f'termini tal-impatt tal-implimentazzjoni tar-restrizzjonijiet fuq il-kompetizzjoni u l-kredibbiltà tas-sistema kollha tal-politika tal-kompetizzjoni. Il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet għandha tkun flessibbli u tinvolvi komunikazzjoni attiva.

1.9 Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni tikkoopera b'mod attiv ma' awtoritajiet tal-kompetizzjoni li mhumiex fl-UE biex jiddefendu swieq miftuħa u ġusti. Il-KESE jappoġġja l-valutazzjoni tal-modernizzazzjoni tar-regoli dwar l-ghajjnuna mill-Istat peress li l-UE għandha tiżgura li l-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni jkun kemm jista' jkun uniformi madwar id-dinja, biex l-intrapriżi tagħha ma jitqegħdux f'pożizzjoni ta' żvantaġġ kompetittivi meta mqabbla mar-rivali tagħhom minn pajjiżi terzi, li mhumiex obbligati jsewju speċifikazzjonijiet stretti u m'għandhomx ikunu konformi ma' regolamenti u limiti rigorużi (pereżempju s-suq tal-ikel u l-industrija intensiva fl-enerġija) iżda li xorta waħda għandhom aċċess ħieles għas-suq tal-UE u dak globali.

1.10 Il-Kumitat kemm-il darba ġibed l-attenzjoni għall-bżonn li jittejjbu s-sistemi għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-konsumatur. Għalhekk, jiddispijaċi li l-proposta leġislattiva dwar l-azzjonijiet għad-danni dwar l-antitrust ma ġietx adottata fl-2011.

1.11 Huwa importanti li l-azzjoni tal-Kummissjoni dwar l-antitrust u l-miżuri regolatorji jikkomplementaw lil xulxin bil-għan li jinkisbu swieq finanzjarji siguri, b'saħħithom u effikaċi, b'mod partikolari fiż-żona unika ta' pagamenti bl-euro (SEPA), fis-settur tad-data dwar is-servizzi finanzjarji u fis-settur tal-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu.

2. Il-kontenut tar-rapport tal-2011

2.1 L-2011 kienet sena ta' turbulenza. F'xi partijiet taż-żona tal-euro, il-kriżi finanzjarja nbidlet fi kriżi ta' dejn sovrani, u qed tnedded lis-settur bankarju u s-sostenibbiltà fiskali ta' ħafna gvernijiet Ewropej. Fixklet ukoll b'mod sever il-flussi tal-kreditu lejn l-ekonomija reali.

2.2 Ir-rapport tal-Kummissjoni huwa maqsum fi tliet sezzjonijiet: il-linja politika dwar il-kompetizzjoni fil-kuntast ekonomiku attwali, il-linja politika dwar il-kompetizzjoni f'kuntast aktar ġenerali u d-djalogu ma' istituzzjonijiet oħrajn dwar il-kompetizzjoni. Ir-rapport jiffoka b'mod partikolari fuq is-setturi tas-servizzi finanzjarji, tal-ikel u tat-trasport bl-ajru. L-istruttura l-ġdida għandha l-għan li tispejga aħjar kif il-Kummissjoni timplimenta l-politika tal-kompetizzjoni u kif il-politika tikkontribwixxi għall-ekonomija Ewropea u għat-titjib tal-benesseri taċ-ċittadini tal-UE.

2.3 L-istruttura l-ġdida tar-rapport tal-Kummissjoni, abbażi ta' rakkomandazzjonijiet li għamel il-Kumitat f'opinjonijiet preċedenti, taħdem tajjeb. Ir-rapport huwa ffukat, u jikkonċentra fuq kwistjonijiet ewlenin u tendenzi fl-iżvilupp, u jipprovdi ħarsa ġenerali eċċellenti lejn l-elementi ewlenin tal-politika tal-kompetizzjoni, b'bosta eżempji deskrittivi. Jista' jiġi estiż b'data kwantitattiva sabiex l-importanza relattiva tal-azzjonijiet u l-kwistjonijiet differenti tkun tista' tiġi valutata aħjar. Huwa utli li ħafna informazzjoni addizzjonali li tikkomplementa r-rapport tista' tinkiseb mill-paġni tal-internet tad-DĠ Kompetizzjoni tal-Kummissjoni.

2.4 Il-Komunikazzjoni tispejga kif fl-2011 il-Kummissjoni użat il-politika tal-kompetizzjoni bħala strument fis-soluzzjoni tal-kriżijiet finanzjarji u tad-dejn u kif, b'mod ġenerali, il-politika tal-kompetizzjoni u l-azzjonijiet ta' infurzar li ttieħdu matul is-sena kkontribwixxew għall-għanijiet politiki usa' tal-Istrateġija Ewropa 2020.

3. Il-linja politika dwar il-kompetizzjoni fil-kuntast ekonomiku attwali

3.1 Kummenti ġenerali

3.1.1 Fiż-żmien attwali, jistgħu jsiru talbiet għall-protezzjoniżmu. Dan wieħed jifhimha minħabba l-ħafna inġustizzji nnotati mill-pubbliku, b'mod partikolari l-fatt li l-Ewropa qiegħda tkompli ma tiħux azzjoni dwar din il-kwistjoni bl-istess mod kif jagħmlu xi wħud mill-imsieħba internazzjonali tagħna. Minkejja li l-istorja kkonfermat li l-infurzar u r-rakkomandar tal-kompetizzjoni ma jistgħux jitnaqqsu fi żminijiet ta' kriżi ekonomika, approċċ unilaterali u ingenu min-naħa tal-Ewropa u li jkun jirrispetta prinċipji li oħrajn ma jsewju f'dan il-qasam ewlieni, iwassal għal dgħufija tal-qafas tal-kompetizzjoni u jista' jiggrava aktar it-tendenza ta' tkabbir fuq perjodu ta' żmien medju u twil.

3.1.2 Il-politika tal-kompetizzjoni tista' taqdi rwol importanti fi strateġija għall-ħruġ mill-kriżi li tirnexxi u fit-tiswir ta' ambjent ta' wara l-kriżi li jimpedixxi distorsjonijiet kompetittivi potenzjali.

3.1.3 Il-kriżi finanzjarja kellha effett drammatiku fuq l-ekonomija reali, minħabba tnaqqis fis-self lill-familji u lin-negozji, u dan kellu effetti indiretti serji fuq l-investiment u l-impjeggi. Bosta Stati Membri kellhom jimplementaw miżuri ta' awsterità u jnaqqsu l-infiq pubbliku tagħhom minflok komplew jinvestu f'miżuri intiżi biex l-ekonomija tirkupra. Fl-aħħar mill-aħħar il-kriżi kellha, u għad qed ikollha, impatt fuq iċ-ċittadini, il-konsumaturi u l-impjegati kollha, kif ukoll fuq in-negozji u l-kundizzjonijiet li joperaw fihom. Politika tal-kompetizzjoni tajba, effettiva u bbilanċjata għandha impatt sinifikanti fuq il-benesseri tal-gruppi kollha.

3.2 Kummenti speċifiċi

3.2.1 Mill-bidu tal-kriżi sal-31 ta' Diċembru 2011 'l hawn, intużaw EUR 1,6 triljun ta' għajjnuna mill-Istat biex jiġu salvati u ristrutturati l-banek Ewropej. Il-Kummissjoni ħadet 39 deċiżjoni dwar ir-ristrutturar u tissorvelja l-implimentazzjoni effettiva tal-pjani ta' ristrutturar ta' dawn id-deċiżjonijiet. Minkejja sforzi ta' appoġġ kbar, il-kriżi kompliet tigrava b'mod gradwali.

3.2.2 Mill-perspettiva tal-partijiet interessati ekonomiċi u soċjali kollha, huwa importanti li jiġi żgurat li s-suq ikompli jaħdem f'sitwazzjoni fejn l-istati u s-sistemi bankarji tagħhom (jiġifieri l-banek) qed jirċievu ammont kbir ħafna ta' appoġġ. Li l-appoġġ għall-banek jiġi ssorveljat b'mod adatt huwa wkoll fl-interess tal-pubbliku ġenerali.

3.2.3 Il-prestazzjoni taż-żona unika ta' pagamenti bl-euro (SEPA) hija relatata mill-qrib mal-livell ta' żvilupp tas-sistema bankarja fil-pajjiżi differenti u d-differenzi huma konsiderevoli. F'ħafna pajjiżi, l-isfida hija li jiġu żviluppati sistemi ta' pagamenti sabiex jiġu sfruttati l-benefiċċji tas-SEPA. Dan jirrikjedi li s-settur bankarju jkun iffukat fuq il-klijent u li jkun lest jgħin lil negozji iżgħar, b'mod partikolari, bil-preparamenti. F'ħafna pajjiżi, bħall-Finlandja, is-SEPA ġiet introdotta kważi għalkollox bla xkiel. Waħda mill-problemi li ġew ippubbliċizzati ħafna kienet iż-żieda fl-ispejjeż tat-tranżazzjonijiet bankarji peress li ma tkomplewx jinħarġu karti li kienu sempliċement karti bankarji.

3.2.4 L-istandardizzazzjoni tal-pagamenti elettroniċi hija waħda mill-kwistjonijiet enfasizzati mill-Kummissjoni. Fis-servizzi tal-pagamenti elettroniċi hemm ekonomiji ta' skala sinifikanti, u dan ifisser li l-konċentrazzjoni tas-suq hija xi ħaġa intrinsika tas-settur. Naturalment, sistema ta' trasferiment tal-pagamenti effettiva hija ta' benefiċċju għall-ekonomija kollha u għalhekk huwa importanti li l-Kummissjoni tikkunsidra s-servizzi tal-pagamenti elettroniċi bħala settur ekonomiku. Il-prinċipju bażiku għandu jkun li jiġu żgurati kundizzjonijiet ġusti għall-kompetizzjoni. Ta' min jinnota li s-suq għat-trasferimenti tal-pagamenti kif ukoll għall-karti tal-kreditu u tal-pagamenti huwa ddominat minn għadd żgħir ta' operaturi.

3.2.5 Is-swieq finanzjarji jipprovdu servizz aktar effiċjenti meta jkunu trasparenti, miftuħa, kompetittivi u regolati b'tali mod li jkunu jstgħu jwettqu l-funzjoni tagħhom li jiffinanzjaw l-ekonomija reali. Dan huwa eżattament dak li l-Kummissjoni qed timmira li tikseb bl-investigazzjonijiet tal-antitrust tagħha fis-suq tad-derivattivi barra l-Borża, is-settur tas-servizzi tal-pagamenti, u d-distribuzzjoni tad-data tan-negozjar u l-informazzjoni finanzjarja fis-suq. Ir-rapport għandu jinkludi xi ċifri li juru l-firxa tal-kwistjoni tad-derivattivi barra l-Borża. Hemm lok għal regolamentazzjoni u superviżjoni aktar stretti tas-suq tad-derivattivi.

3.2.6 Barra minn hekk, l-issikkar attwali u fil-futur qarib tar-regolamenti tal-banek m'għandux iwassal għal tnaqqis fis-servizz

tal-banek u dan jillimita l-investment tan-negozji u jagħmilha aktar diffiċli għalihom li jkollhom aċċess għal kapital operatorju.

3.2.7 Il-KESE jitlob lill-Kummissjoni tkompli tissorvelja s-sitwazzjoni tal-kompetizzjoni fis-suq tal-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu, minħabba l-mod ta' kif dawn joperaw u l-kunflitti potenzjali ta' interess mal-klijenti tagħhom li jstgħu jwasslu għal distorsjonijiet tal-kompetizzjoni.

4. Il-linja politika dwar il-kompetizzjoni f'kuntast aktar ġenerali

4.1 Kummenti ġenerali

4.1.1 Il-biċċa kbira tal-azzjonijiet tal-Kummissjoni fil-qasam tal-politika tal-kompetizzjoni indirizzaw l-effetti tal-kriżi fis-swieq finanzjarji. L-infurzar tal-kompetizzjoni u l-affermazzjoni tal-prinċipju jservu wkoll biex jintlaħqu objettivi usa' oħra bħat-titjib tal-benesseri tal-konsumatur, u l-appoġġ tat-tkabbir, l-impjiegi u l-kompetittività fl-UE b'konformità mal-Istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv.

4.1.2 Il-Kummissjoni beħsiebha ttejjeb il-benesseri tal-konsumatur u l-interessi tal-opportunitajiet indaqs għall-operaturi ekonomiċi hi u tapplika l-politika tal-fużjonijiet tagħha, b'mod li tikseb bilanċ bejn il-benefiċċji ekonomiċi tal-fużjoni u parametri oħra bħall-prezz, l-għażla, il-kwalità jew l-innovazzjoni. Dan l-approċċ wera ċerta effikaċja fis-settur tat-telekomunikazzjoni u għandu jiġi estiż kemm jista' jkun għal setturi oħra. Madankollu, jeħtieġ li nkunu realistiċi u nirrikonoxxu li f'dawn l-aħħar għexieren ta' snin ħarġu fid-dieher konglomerazzjonijiet dejjem akbar li naqqsu l-ispazju disponibbli għall-SMEs f'xi setturi u b'hekk illimitaw b'mod konsiderevoli l-possibbiltà li joħorġu operaturi ġodda b'potenzjal kbir. Naturalment, dan irrażżan id-dinamiżmu u l-innovazzjoni, u fuq kollox il-kreattività li minnha tista' tibbenefika s-soċjetà ġenerali f'diversi livelli.

4.1.3 Il-Kumitat jenfasizza li l-politika tal-kompetizzjoni hija marbuta mill-qrib ma' oqsma ta' politika oħra, b'mod partikolari l-miżuri għar-regolamentazzjoni aħjar, il-politika industrijali u l-politika tal-SMEs. Il-leġislazzjoni li tikkunsidra l-bżonnijiet tan-negozji ż-żgħar u l-kundizzjonijiet li fihom joperaw tipprovdi garanzija ta' swieq li jaħdmu.

4.1.4 Il-pubblikazzjoni ta' din is-sena tal-Kummissjoni ta' linji gwida operattivi għall-valutazzjoni tal-impatti fuq il-kompetittività settorjali fi ħdan is-sistema ta' valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni ("Operational guidance for assessing impacts on sectoral competitiveness within the Commission impact assessment system") kienet pass pożittiv. Dan is-sett ta' għodod għandu jintlaqa' tajjeb, tal-anqas minn perspettiva tal-politika tal-kompetizzjoni.

4.1.5 Il-KESE jinnota kemm hu importanti li l-Kummissjoni tikkooopera b'mod attiv ma' awtoritajiet tal-kompetizzjoni li mhumiex fl-UE. Din hija prekundizzjoni bażika għall-implimentazzjoni effettiva tal-politika tal-kompetizzjoni u tiżgura wkoll li l-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni jkunu kemm jista' jkun uniformi madwar id-dinja.

4.1.6 Il-KESE jitlob lill-Kummissjoni tkompli ttejjeb ir-regoli dwar il-kumpens tal-obbligi tas-servizz pubbliku li jkopru s-servizzi li jissodisfaw il-bżonnijiet soċjali, kif isir bħalissa fis-servizzi tas-saħħa u l-assistenza fit-tul, l-assistenza tat-tfal, l-aċċess għas-suq tax-xogħol u l-integrazzjoni mill-ġdid fih, l-akkomodazzjoni soċjali, kif ukoll l-assistenza lil gruppi vulnerabbli u l-inklużjoni soċjali tagħhom.

4.1.7 Il-KESE jappella biex il-politika tal-kompetizzjoni tkun tinkludi l-koordinazzjoni mad-Direttorati Ġenerali l-oħra li xogħolhom għandu impatt enormi fuq is-sitwazzjoni tal-kompetizzjoni madwar l-UE. Dan jikkontribwixxi biex tintlaħaq modernizzazzjoni realistika tad-WTO. Jinħtieġu mekkaniżmi li jikkumpensaw għas-sitwazzjonijiet differenti u biex tkun żgurata l-konformità mar-regoli soċjali, ambjentali jew dawk dwar is-sigurtà tal-prodotti eċċ, biex ikun hemm konformità mal-miżuri li effettivament (iktar milli sempliċement b'mod teoretiku) jiġġieldu kontra l-abbuż mill-pożizzjoni dominanti fil-ktajjen ta' distribuzzjoni kbira li bil-mod jeqirdu lill-kompetituri li huma iżgħar u lill-fornituri ż-żgħar, biex ikunu sorveljati n-negozjati li ħafna drabi ma jagħmlu xejn aktar ħlief jimponu l-kundizzjonijiet; biex jitneħħew (u jiġu sanzjonati) l-abbużi minn pożizzjonijiet dominanti jkun liema settur ikun, u biex jitwaqqfu mekkaniżmi biex jitneħħew id-distorsjonijiet li hemm bejn il-kundizzjonijiet li japplikaw għall-operaturi li jinsabu f'ċentri tal-konsumatur importanti u dawk li jinsabu fil-periferija bi spejjeż addizzjonali li ma jistgħux jiġu injorati.

4.2 Kummenti speċifiċi

4.2.1 Il-KESE jispera li l-privattiva unika Ewropea tidħol fis-seħħ, u jemmen li l-inizjattivi tal-Kummissjoni ser inaqqsu l-ispejjeż tat-tranżazzjonijiet b'mod partikolari għall-privattivi⁽¹⁾. L-għan huwa li l-privattiva Ewropea tissostitwixxi s-sistema attwali li skontha jeħtieġ li l-privattivi jittressqu b'mod separat f'kull pajjiż tal-UE. L-ispejjeż tal-privattivi faċli jammontaw għal EUR 32 000, skont l-istimi tal-Kummissjoni, filwaqt li fl-Istati Uniti jammontaw biss għal EUR 1 850.

4.2.2 Il-KESE jemmen li l-proċess Ewropew ta' standardizzazzjoni għandu jitħaffef, jiġi ssemplifikat u mmodernizzat u jsir aktar inklużiv⁽²⁾. Ser ikun hemm bżonn li jiġi valutat fuq bażi aktar regolari jekk is-sistema Ewropea ta' standardizzazzjoni hijiex biżżejjed biex tadatta għall-ambjent li qed jevolvi malajr u biex tikkontribwixxi għall-oġettivi interni u esterni strateġiċi tal-Ewropa, b'mod partikolari fil-qasam tal-politika industrijali, l-innovazzjoni u l-iżvilupp teknoloġiku.

4.2.3 L-ikel huwa wieħed mill-aktar spejjeż tanġibbli li jġarrbu ta' kuljum il-konsumaturi u għalhekk huwa importanti ħafna li jkun hemm kompetizzjoni ġenwina fi ħdan is-settur tal-ikel. Madankollu, ta' min ifakkar li hemm ħafna fatturi, li l-biċċa kbira tagħhom jagħmlu parti mill-politika tal-kompetizzjoni, li jistgħu jolqtu l-prezzijiet tal-ikel, u l-fattur ewlieni huwa ż-żieda fil-prezzijiet tal-komoditajiet.

4.2.4 Għandu jiġi nnutat ukoll l-iżbilanċ fis-saħħa ta' negozjar tul il-katina tal-provvista tal-ikel, fejn il-produtturi primarji u l-operaturi żgħar huma fl-iktar pożizzjoni dgħajfa. Għalhekk, il-KESE qed jistenna bil-ħerqa r-riżultati tal-forum ta' livell għoli dwar il-funzjonament aħjar tal-katina tal-provvista tal-ikel li ġie stabbilit fl-2010.

4.2.4.1 Fid-dawl tas-suq uniku, ikun utli wkoll li jiġi introdott approċċ aktar armonizzat fil-livell tal-UE għall-implimentazzjoni tal-liġi tal-kompetizzjoni u d-definizzjoni tas-swieq rilevanti.

4.2.5 Il-produtturi Ewropej huma obbligati jseguw speċifikazzjonijiet relattivament stretti iżda kompetituri oħra minn kontinenti oħra b'aċċess ħieles għas-suq tal-UE jagħmlu parti minn qafas leġislattiv ħafna anqas rigoruż. Dan iwassal essenzjalment għal distorsjoni tal-kompetizzjoni għaliex l-ispiża tal-produzzjoni fil-pajjiżi terzi hija aktar baxxa. Dan huwa l-każ ukoll tal-industriji intensivi fl-enerġija li għandhom ikunu konformi ma' regolamenti ambjentali stretti u ma' miri għall-effiċjenza fl-użu tal-enerġija li jirrikjedu investiment enormi, filwaqt li l-kompetituri tagħhom, li joperaw fl-istess suq dinji, ma jkollhomx iġarrbu l-istess spiża. Għaldaqstant is-sistema tal-għajnuna mill-Istat għandha tiġi modernizzata biex jiġu stabbiliti kundizzjonijiet globali ugwali. Din ir-riforma għandha tiġi kkoordinata mal-ażżjonijiet tal-Kummissjoni fil-livell tal-istrumenti ta' politika kummerċjali.⁽³⁾

4.2.6 Is-swieq kompetittivi jinsabu fl-aħjar pożizzjoni biex joħlqu kumpaniji li huma mġammra għal suċċess fit-tul. Politika tal-kompetizzjoni b'saħħitha hija element ewlieni ta' politika koerenti u integrata biex titrawwem il-kompetittività tal-industriji tal-Ewropa. Waħda mill-isfidi tal-kompetizzjoni globali hija l-kompetizzjoni ma' pajjiżi fejn il-qafas leġislattiv huwa ħafna anqas rigoruż u l-ispejjeż, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-liġijiet tas-sigurtà soċjali huma differenti. Fl-Opinjoni CESE 1176/2011⁽⁴⁾, il-KESE nnota li ċerti forum ta' għajnuna mill-Istat għall-bini ta' bastimenti kienu ġġustifikati u li, pereżempju, it-teknoloġiji ekoloġiċi għandhom jiġu inkorporati fil-qafas. Il-KESE jqis li l-inizjattiva attwali tal-għajnuna mill-Istat hija pass importanti lejn dinamika għda fil-politika industrijali, b'konformità mal-Istrateġija Ewropa 2020. Rigward it-tnaqqis tal-gassijiet b'effett ta' serra, li huwa wieħed mill-ħames għanijiet

(1) ĠU C 68, 6.3.2012, p. 28.

(2) ĠU C 68, 6.3.2012, p. 35.

(3) Il-Modernizzazzjoni tal-Għajnuna mill-Istat tal-UE, ĠU C 11, 15.1.2013, p. 49.

(4) ĠU C 318, 29.10.2011, p. 62.

ta' din l-Istrateġija, il-KESE jappoġġja l-linji gwida li adottat il-Kummissjoni Ewropea dwar l-għajnuna nazzjonali mogħtija lill-industriji li jikkonsmaw ħafna enerġija, pereżempju l-produtturi tal-azzar, tal-aluminju, tal-prodotti kimiċi u tal-karti⁽⁵⁾. Maħsubin biex tiġi evitata r-“rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju” din l-għajnuna mill-Istat hija intiża biex tpatti għaż-żieda fil-prezzijiet tal-elettriku minħabba l-bidla fir-regoli tas-Sistema tal-Unjoni Ewropea għall-Iskambji tal-Emissjonijiet (EU ETS) fl-2013 u biex tippromovi l-investment fl-impjanti b'livell għoli ta' effiċjenza.

4.2.7 Is-settur tal-pubblikazzjoni tal-kotba għaddej minn proċess ta' modernizzazzjoni, b'mod partikolari minħabba d-diġitalizzazzjoni. Dan is-settur huwa ta' importanza kruċjali mhux biss biex il-kultura Ewropea tmur 'il quddiem iżda wkoll għall-innovazzjoni. Bħalissa għaddej minn tranżizzjoni lejn il-midja diġitali, proċess b'konsegwenzi konsiderevoli. Il-firxa ta' *kotba elettroniċi* disponibbli kulma jmur qed tiżdied u għalhekk jagħmel sens li l-Kummissjoni tindirizza t-tentattivi biex jiġu limitati l-kompetizzjoni u l-iżvilupp.

4.2.8 Hemm domanda dejjem ikbar biex ir-reqwiziti fil-qasam tal-enerġija jiġu sodisfatti permezz ta' sorsi sostenibbli. Il-KESE jappoġġja l-proposti tal-Kummissjoni bil-għan li tiġi modernizzata u żviluppata *l-infrastruttura Ewropea tal-enerġija* bħala prerekwiżit għal provvista tal-enerġija sigura, stabbli u sostenibbli għall-UE.

4.2.9 Fil-futur, l-enerġija ser ikollha tiġi trasportata distanzi twal, b'mod aktar frekwenti u fi kwantitajiet akbar milli llum il-ġurnata. Huwa biss b'infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea li l-Istati Membri kollha tal-UE jistgħu jagħmlu użu mill-vantaġġi li jipprovdu l-lokalitajiet f'termini ta' sorsi nazzjonali tal-enerġija. Dan japplika għas-sorsi *rinnovabli tal-enerġija* bħall-enerġija idro-elettrika, l-enerġija mir-riħ u dik solari. Infrastruttura bħal din tista' wkoll tottimizza l-użu ta' sorsi ta' enerġija fossili bħaż-żejt, il-gass u l-faħam⁽⁶⁾.

4.2.10 Il-KESE jirrakkomanda qafas legali standardizzati tal-UE għas-settur *kollu tal-avjazzjoni*, li jipprevjeni prattiki ta' sussidji mhux kontrollati u jiżgura kundizzjonijiet ugwali

għall-parteċipanti kollha tas-suq anki fil-livell lokali⁽⁷⁾. Il-KESE jirrakkomanda li l-għajnuna mill-Istat għall-investment fl-infrastruttura tal-ajruporti u l-għajnuna biex jitnedew kumpaniji ġodda tal-ajru jingħataw biss f'każijiet definiti b'mod strett u jkunu limitati skont il-perjodu ta' żmien u l-intensità. Jitlob ukoll għal politika fit-tul dwar l-iżvilupp tal-ajruporti reġjonali u jemma li l-linji gwida tal-avjazzjoni jistgħu jiġu infurzati b'suċċess biss jekk jintlaħaq ftehim dwar prijoritajiet politiċi ċari għall-iżvilupp tal-ajruporti reġjonali. Il-manutenzjoni tal-ajruporti reġjonali hija kwistjoni ewlenija fil-politika tal-intrapriżi. Il-Kumitat jirreferi għall-opinjoni dwar il-pakkett għat-titjib tal-ajruporti, li titkellem dwar l-allokazzjoni ta' slots u dwar is-servizzi ta' groundhandling fl-ajruporti tal-Unjoni.

4.2.11 Il-Kumitat kemm-il darba ġibed l-attenzjoni għall-bżonn li jittejjbu b'mod kredibbli s-sistemi għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-konsumatur. Għalhekk, il-Kumitat jiddispaċiħ li l-proposta legiſlattiva dwar l-azzjonijiet għad-danni dwar l-antitrust ma ġietx adottata fl-2011, u x'aktarx ma tiġix adottata sa tmiem l-2012.

4.2.12 Il-KESE bi pjaċir jilqa' l-konsolidazzjoni tal-qafas istituzzjonali għall-infurzar tal-liġi tal-kompetizzjoni, li permezz tiegħu korp amministrattiv bħalma hi l-Kummissjoni jieħu deċizzjonijiet li huma soġġetti għal sħarriġ ġudizzjarju sħiħ, u jiżgura protezzjoni adatta tad-drittijiet fundamentali tal-persuni milquta minn dawk id-deċizzjonijiet.

5. Djalogu ma' istituzzjonijiet oħrajn dwar il-kompetizzjoni

5.1 Filwaqt li l-infurzar tal-liġi tal-kompetizzjoni tal-UE huwa fil-kompetenza assoluta tal-Kummissjoni, għalkemm huwa soġġett għall-kontroll tal-Qrati Ewropej, il-Kummissarju għall-Kompetizzjoni u s-servizzi tiegħu jieħdu sehem fi djalogu strutturat kontinwu mal-Parlament Ewropew dwar kwistjonijiet relatati mal-kompetizzjoni. Il-Kummissjoni żżomm lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew infurmat dwar inizjattivi ta' politika ewlenin u tipparteċipa fi gruppi ta' studju u laqgħat tas-sezzjonijiet. Il-KESE jilqa' r-referenza espliċita fir-rapport tal-kooperazzjoni mal-Kumitat.

Brussell, 12 ta' Diċembru 2012.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Staffan NILSSON

⁽⁵⁾ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni: Linji Gwida dwar ċerti miżuri ta' għajnuna mill-Istat fil-kuntest tal-iskema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra għal wara l-2012 (2012/C 158/04), ĠU C 158, 5.6.2012.

⁽⁶⁾ ĠU C 143, 22.5.2012, p. 125.

⁽⁷⁾ ĠU C 299, 4.10.2012, p. 49.